MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 781/2007

**Casa D'Arte Limited rapprezentata minn**
**George Zerafa I.D. 493056(M)**

**Vs**

**Ernest Formosa I.D. 514179(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u sbatax-il Euro u hamsa u erbghin centezmu (€717.45) - (Lm308) u dan billi ppremettit illi l-konvenut ghamel ordni ta' kcina ghall-ammont ta' tlett elef, sitt mija u tliet Euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,603.54) - (Lm1,547) u zewg ordnijiet ohra li jirreferu ghal xi alterazzjonijiet u l-valur taghhom huwa nill. Fuq din l-ordni hallas depozitu t'elf u tmenin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,080.83)

- (Lm464) permezz ta' rcevuta numru 6473 datata 19 ta' Lulju, 2005. Qabel ma ttiehdet il-kcina fil-post, il-konvenut hallas it-tieni depozitu skond il-klawsola fuq wara tal-ordni u dan kien t'elf, tmien mija u hames Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,805.26) – (Lm775) skond l-ircevuta numru 6561 datata 25 t'Ottubru, 2005. Il-konvenut issa huwa suggett ghall-hlas tal-bilanc, il-hlas ta' *cash discount* u li nghata fuq l-ordni numru 4911 kif ukoll l-imghax dovut mid-data tal-kont sad-data tal-hlas u spejjez involuti.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi fl-ewwel lok it-talbiet ma jistghux jigu milqugha stante il-preskrizzjoni. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mhux dovut minhabba li x-xoghol ma tkompliex skond l-arti u s-sengha.

Sema' x-xhieda ta' George Zerafa, Carmel Bartolo, Graziella Formosa, Ernest Formosa u Saviour Vella.

Ra l-affidavit ta' Graziella Formosa u Ernest Formosa.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Melanie Schembri ghas-socjetà attrici u Dr Deborah Mifsud Attard ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien ordna kcina minghand is-socjetà attrici versu l-prezz komplessiv t'erbat elef, mitejn u tlettax-il Euro u erbgha u tmenin centemzmu (€4,213.84) - (Lm1,809). Kien hemm *cash discount* ta' sitt mija u ghaxar Euro u tletin centezmu (€610.30) – (Lm262) biex b'hekk baqa' bilanc tlett elef, sitt mija u tliet Euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,603.54) - (Lm1,547). Sar pagament fid-19 ta' Lulju, 2005 fl-ammont t'elf u tmenin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,080.83) - (Lm464) u fil-25 t'Ottubru, 2005 sar pagament iehor t'elf, tmien mija u hames Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,805.26) – (Lm775) biex b'hekk baqa' bilanc ta' seba' mija u sbatax-il Euro u hamsa u

erbghin centezmu (€717.45) - (Lm308), li huwa l-ammont mitlub f'din il-kawza.

Il-konvenut ressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda fl-ebda parti tal-process ma nsibu ghal liema Artikolu tal-Ligi qieghed jirreferi. Mhuwiex compitu ta' dan it-Tribunal sabiex ifittex u jara liema hi l-preskrizzjoni li qed iqajjem il-konvenut u ghalhekk fuq din il-bazi l-eccezzjoni tal-konvenut tisthoqq li tigi michuda.

Illi fil-mertu jirrizulta illi meta l-kcina giet konsenjata rrizulta li kien hemm dizlivell fl-art tal-kcina u minhabba f'hekk il-*kick-boards* tal-*aluminium* ta' taht il-*cupboards* ma kinux sodisfacenti billi kien hemm dawl wisq. Kienet is-socjetà attrici li kejlet il-kamra biex ippreparat il-kcina u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kumpanija attrici messa ezaminat l-art ukoll biex b'hekk setghet taccerta ruhha li meta tigi konsenjata l-kcina li kienet *made to measure*, li dina toqghod tajjeb u ghalhekk din mhijiex skuza valida ghas-socjetà attrici li tghid illi mhijiex problema taghha u li ma kinitx taf li kien hemm dizlivell. Il-problema li qamet minhabba fid-dizlivell hija mputabbli ghas-socjetà attrici li ma kejlitx sew biex b'hekk, meta tigi konsenjata l-kcina tkun tista' toqghod tajjeb u ghalhekk il-konsegwenzi naxxenti minhabba l-*kick-board* huma mputabbli ghas-socjetà attrici.

Huwa minnu li skond l-ordni a fol 12 tal-process jirrizulta li l-*kick-board* kellha tkun tal-aluminium 120milimetres u li fil-fatt minhabba l-imsemmi dizlivell kellha tintuza *kick-board* ta' spessur oltre dan u jirrizulta provat ukoll illi sa dak iz-zmien ma kienx hemm *kick-boards* aktar gholjin *available* fis-suq ta' Malta u dawn bdew jaslu Malta sussegwentement ghall-konsenja izda b'danakollu t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjetà attrici messa hasbet ghal din il-problema u se mai naqset l-oghli tas-saqajn biex b'hekk il-*kick-board* ta' 120 millimetres ikun jista' joqghod sodisfacentement.

Ghar-rigward ta' kemm jiswew dawn il-*kick-boards* ma gewx prodotti provi sodisfacenti u ghalhekk it-Tribunal ikollu juza d-diskrezzjoni tieghu, *considerando* wkoll il-fatt

illi meta sar il-kuntratt bejn il-partijiet kien hemm *cash discount* ta' sitt mija u ghaxar Euro u tletin centezmu (€610.30) – (Lm262) illi kien ifisser illi vicin tal-konsenja kellu jhallas il-bilanc totali u din forsi kienet inklinat lis-socjetà attrici li tati *discount* daqshekk qawwi. Fid-dawl tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi kollox ma kollox, tnaqqis ulterjuri ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghan jkun sodisfacenti biex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas.

Issemma' wkoll li kien hemm bastun li ma giex kompletat. Jirrizulta mill-provi illi effettivament dan il-bastun kien gie provdut u kien jonqos li jsir il-madum tal-hajt bejn il-*cupboards* biex b'hekk imbaghad dan il-bastun jigi ttrimmjat kif inhu xieraq. Jirrizulta illi l-konvenut m'avzax lis-socjetà attrici li setghet tigi taghmel dan it-*trimming* u konsegwentement din il-problema tal-bastun m'ghandiex tippregudika t-talba tas-socjetà attrici.

Illi ghalhekk b'rizultat tat-tnaqqis ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) il-bilanc dovut jigi ta' mitejn u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm258) li qieghdin jigu arrotondati ghal sitt mitt Euro (€600). It-talba tal-interessi tisthoqq li tigi milqugha mid-data ta' notifika tal-Avviz u in vista tal-premess ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' sitt mitt Euro (€600) ekwivalenti ghal mitejn u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm258) bl-interessi mid-data ta' notifika tal-Avviz. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal 1/6$^{th}$ ghas-socjetà attrici u 5/6$^{th}$ ghall-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------